# KODIĊI TA' KONDOTTA u ETIKA TAS-SOĊJETA' FILARMONIKA LA STELLA

## A. Preambolu

1. Is-**Soċjetá Filarmonika La Stella** (is-"**Soċjetá**") hija assoċjazzjoni reġistrata u li l-oriġini tagħha jmorru lura sal-1863. Hija tilqa' fi ħdanha membri magħrufa bħala 'Soċji' minn kull qasam soċjali u li l-għanijiet tagħha huma msemmija fl-Istatut u deskritti b'dan il-mod:

   a. It-tagħlim u d-daqq tal-mużika;

   b. It-tmexxija tal-Każin La Stella u tat-Teatru taghha *Astra;*

   c. l-organizzazzjoni tal-Festi esterni ta' San Ġorg;

   d. it-tħaris u l-promozzjoni tal-interessi tal-parroċċa taghha – il-Bażilika Kolleggjata ta' San Ġorġ;

   e. ir-rikreazzjoni tal-membri tagħha;

   f. it-taħriġ f'dixxiplini kulturali fosthom drama, kant kif ukoll żfin.

2. Il-fergħat tas-Soċjeta' jinkludu

   a. Kumitat Ġenerali;

   b. Kumitat Direzzjoni Banda;

   c. Kumitat Eżekuttiv;

   d. Sotto-Kumitat Amministrazzjoni Kazin;

   e. Sotto-Kumitat Kultura;

   f. Sotto-Kumitat Astra Folk Group;

   g. Sotto-Kumitat Festival Mediterranea;

   h. Sotto-Kumitat Għaqda Żgħażagh La Stella;

   i. Sotto-Kumitat Għaqda tal-Armar;

j. Sotto-Kumitat Għaqda tan-Nar;

k. Is-setturi ndispensabbli ghandhom ikunu l-Kumitat Generali u l-Kumitat Eżekuttiv.

3. Is-Soċjeta' qed tapprova u tippubblika dan il-Kodiċi tal-Etika sabiex iservi bħala linji gwida dwar il-komportament u l-aġir tal-Bandisti, membri tal-Kumitati fi hdanha s-Soċji tagħha u ta' kull min ikun mistenni jikkonforma mal-prinċipji u l-valuri tas-Soċjeta' fir-relazzjonijiet tiegħu mas-Soċjeta'.

4. Dan il-Kodiċi għandu joffri wkoll sett ta' standards li għandhom ikunu ta' gwida lil min imexxi lis-Soċjeta' u minn żmien għal żmien jintalab jieħu deċiżjonijiet f'materji li jikkonċernaw kwistjonijiet ta' natura etika minħabba aġir jew omissjoni ta' persuni fi ħdan is-Soċjeta' jew ta' persuni marbuta mal-istess Soċjeta' kuntrattwalment jew mod ieħor.

5. Il-Kodiċi mhux iżda kodifikazzjoni ta' regoli li jippreskrivu obbligi enforzabbli f'kull sitwazzjoni. L-applikazzjoni tal-prinċipji ta' dan il-Kodiċi tal-Etika trid tikkunsidra kull każ u kull ċirkostanza speċifika u l-possibilita' li ċertu prinċipji f'ċerti sitwazzjonijiet jaf ikunu kontrastanti u kwindi prinċipju jkollu jieħu preċedenza fuq ieħor.

6. Dan il-Kodiċi lanqas ma huwa intiż sabiex jillimita lis-Soċji jew lil min imexxi lis-Soċjeta' biss għall-adeżjoni ma dawn il-prinċipji jew linji gwida. Aġir rispettuż, ġust u soċjalment aċċettabbli huwa .....???

7. I-Soċji kollha huma mistennija jsegwu d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi tal-Etika li għandu l-għan illi jispjega regoli bażiċi ta' komportament u ta' aġir li huwa mistenni minn kull Soċju u li naturalment japplika wkoll għall kull Soċju li jingħata jew li jkun qed jokkupa kariga fi ħdan is-Soċjeta'.

## B. Drittijiet u Aspettattivi

8. Kull Soċju għandu d-dritt u għandu jistenna li fi ħdan is-Soċjeta':

i. Jiġi trattat jew tiġi trattata b'mod ġust, ekwu, b'rispett u f'ambjent ħieles minn kull diskriminazzjoni, kemm mis-Soċji l-oħrajn kif ukoll mill-membri u l-uffiċċjali ta' kull kumitat jew fergħa tas-Soċjeta' kif ukoll mill-impjegati, kuntratturi jew aġenti tas-Soċjeta'.

ii. Ikun jista' jissoċjalizza u jassoċja ruħu fi ħdan is-Soċjeta', jipparteċipa f'kumitati jew sotto-kumitati skont ir-regoli applikabbli u jiffrekwenta l-

Każin tas-Soċjeta' u avvenimenti organizzati mis-Soċjeta' f'ambjent sigur u ħieles minn kull forma ta' diskriminazzjoni, fastidju jew abbuż ta' kwalsiasi xorta.

iii. Il-privatezza u l-kunfidenzjalita' ta' kwalsiasi dokument kunfidenzjali jew data personali tiegħu, li jinkludu korrispondenza mas-Soċjeta' u dettalji personali mitluba għall-finijiet ta' reġistrazzjoni, ikunu protetti u miżmuma protetti minn terzi, sakemm ma jagħtix il-kunsens tiegħu jew tagħha jew sakemm il-liġi ma tippermettix mod ieħor;

iv. Ikun infurmat regolarment b'avvenimenti organizzati jew mħejjija mis-Soċjeta' u jkollu d-dritt jipparteċipa fihom mingħajr l-ebda forma ta' diskriminazzjoni;

v. Jiġi trattat ġustament u b'mod ekwu kull darba illi jkollu jew ikollha bżonn tressaq ilment, suġġeriment jew komunikazzjoni mas-Soċjeta' u li tinstema' jekk jittieħdu xi forma ta' proċeduri taħt kwalsiasi regolament jew prinċipju applikabbli;

9. Is-Soċji kollha għandhom l-obbligu li:

i. Jaġixxu dejjem u f'kull waqt b'mod illi ma jfixkilx il-kisba ta' jew saħansitra jmur kontra l-għanijiet, il-valuri u l-prinċipji fundamentali li fuqhom hija bbażata s-Soċjeta' u li għalihom teżisti u li lilhom tippromwovi s-Soċjeta';

ii. Jittrattaw is-Soċji l-oħrajn, il-mistiednin, l-impjegati u lil kull min jiffrekwenta attivitajiet organizzati mis-Soċjeta' b'rispett u b'korteżija;

iii. Ma jagħmlu assolutament xejn li jista' raġonevolment ipoġġi isem is-Soċjeta' direttament jew indirettament f'dawl ħażin jew li b'xi mod itebba' isem is-Soċjeta'. Dan jinkludi aġir posittiv kif ukoll omissjonijiet li wieħed raġonevolment jista' jippresumi li jistgħu jwasslu għal tali effett ħażin fuq is-Soċjeta';

iv. Iġibu ruħhom b'mod responsabbli u ma jagħmlu xejn li jista' jkun oġġettivament ta' diżrispett, ta' nuqqas ta' ġiegħ jew ta' attakk pubbliku fuq kwalsiasi Soċju ieħor tas-Soċjeta' jew fuq is-Soċjeta' nfisha, ħlief naturalment għal rimedji legali illi wieħed ġenwinament iħoss illi jista' jkollu dritt għalihom fil-liġi;

v. Jirrapportaw kull aġir kuntrarju għall-valuri tas-Soċjeta' lill-Membri tal-Kumitat Ċentrali jew kumitati oħrajn skont il-każ għal azzjoni ulterjuri skont l-Istatut u r-regoli applikabbli;

vi. Jimxu skond dawn ir-regoli hawn kontenuti f'dan il-Kodiċi u r-regolamenti l-oħrajn maħruġa mis-Soċjeta';

vii. Jirrispettaw dejjem u f'kull waqt il-liġijiet tal-pajjiż inkluż obbligi dwar is-saħħa u s-sigurta' fil-Każin u f'avvenimenti oħrajn organizzati mis-Soċjeta';

viii. Iħallsu l-miżati applikabbli bħala Soċji tas-Soċjeta' u kemm jista' jkun jipparteċipaw f'avvenimenti u attivitajiet organizzati mis-Soċjeta';

ix. Jinfurmaw lis-Soċjeta' b'kull bdil fid-dettalji personali inkluż bdil f'indirizzi jew dejta personali sabiex is-Soċjeta' ikollha kemm jista' jkun dejta personali aġġornata fuq is-Soċji tagħha;

x. Jirrispettaw id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Ċentrali u tal-uffiċċjali debitament appuntati f'xi inkarigu u ma jagħmlu xejn li jista' jimmina l-awtorita' ta' tali uffficjali jew tad-deċiżjonijiet meħuda minnhom;

xi. Jagħmlu użu diliġenti u metikoluż tal-mezzi tax-xandir u medja soċjali b'tali mod illi l-ebda kumment jew preżenza ta' kull Soċju fuq tali mezzi ma tkun qatt tista' tagħmel ħsara reputazzjonali, materjali jew mod ieħor lis-Soċjeta';

xii. Ma jużawx il-Każin tas-Soċjeta' jew assi oħra tas-Soċjeta' f'impenn ta' natura politika ta' kwalsiasi għamla li ma tkunx espressament permessa mill-Kumitat Ċentrali u tkun konformi mal-għanijiet u l-valuri tas-Soċjeta'.

10. L-uffiċċjali tas-Soċjeta' li jokkupaw kwalsiasi rwol ta' uffiċjal imsemmi fl-Istatut, apparti l-obbligi kollha mistennija mis-Soċji għandhom ukoll:

i. Jassiguraw li f'kull waqt iżommu kunfidenzjalita' dwar materji li min-natura tagħhom jistgħu jkunu sensittivi, jaġixxu f'kull waqt in *buona fede* u bi trasparenza assoluta, jieħdu ħsieb li jmexxu bid-diligenza rikjesta fil-liġi minn *bonus paterfamilias* u ma jħallu qatt li d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu b'xi mod milquta minn kwalsiasi kunflitt ta' interess b'tali mod li jiksbilhom vantaġġ personali indebitu;

ii. Jobbligaw ruħhom li jmexxu u jużaw ir-riżorsi tas-Soċjeta' b'mod responsabbli u li jżommu kontroll diligenti fuq l-assi kollha tas-soċjeta' fit-tmexxija tagħha;

iii. Qabel l-elezzjoni ghalll-Kumitat Generali l-kandidati għandhom jimlew kwestjonarju qasir dwar il-Kodiċi tal-Etika u kunflitti ta' interess imħejji mis-Segretarju tas-Soċjeta' u mgħoddi appożitament lilhom;

iv. Juru dedikazzjoni fil-ħidma tagħhom bħala uffiċċjali tas-Soċjeta' u juru li f'kull waqt ipoġġu l-interessi tas-Soċjeta' l-ewwel sakemm ikunu jokkupaw tali inkarigu;

v. Ma jakkwistaw l-ebda favur jew gwadann personali mir-rwol tagħhom bħala uffiċċjali jekk tali favur ma jkunx magħruf mill-President tas-Soċjeta, jew fil-każ tal-President innifsu mill-Kumitat Ċentrali;

vi. Jassiguraw li fir-relazzjonijiet ma' soċjetajiet oħra u entitajiet oħrajn fir-Rabat Għawdex u madwar Malta l-interessi tas-Soċjeta' jiġu dejjem protetti bl-aktar mod sod filwaqt illi s-Soċjeta' dejjem taġixxi b'mod rispettuż u skont il-liġijiet tal-pajjiż;

vii. Jassiguraw li huma qraw u fehmu d-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Kodiċi u jiddikjaraw li huma lesti li jkunu ggwidati mid-dispożizzjonijiet tal-Kodici mal-ħatra u/jew konferma tagħhom bħala uffiċjali tas-Soċjeta';

viii. Jippromwovu attivament ambjent san, nadif u ħieles minn kwalsiasi aspett li jista' jfixkel l-armonija bejn is-Soċji jew bejn l-uffiċċjali jew bejn is-Soċji u l-uffiċjali u li jista' għalhekk itellef lis-Soċjeta' milli tikseb l-għanijiet li għalihom twaqqfet.

11. L-Uffiċċjali u s-Soċji kollha għandhom id-dritt illi jirreferu, għal parir konsultattiv u skont it-termini referenza tal-istess Bord, kwalsiasi vjolazzjoni preżunta ta' dan il-Kodiċi jew talba għal interpretazzjoni ta' dan il-Kodiċi f'kuntest fattwali speċifiku lill-Bord tal-Etika maħtur mill-Kumitat Ċentrali għal dan il-għan.

Frar 2023